**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 471/2016**

**SA U BA (l-ilmentaturi)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tas-6 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn bazikament l-ilmentaturi qed jghidu :**

Illi huma investew is-somma ta'€20,000 fl-*LM Managed Performance Fund* (*LMMPF*) f'Jannar 2011 fuq parir ta' Patrick Massa li kien jahdem ghall-provditur tas-servizz.

Illi l-istess Massa qalilhom li l-kapital kien garantit u huma hasbu li galadarba kien ghal tliet snin dawn malajr jghaddu u jergghu jiehdu flushom lura.

Izda b'telefonata il-provditur tas-servizz l-ewwel qalilhom li l-imghax ma kienx ser johrog f'darbtejn, u aktar tard b'telefonata ohra qalilhom li kienu tilfu l-kapital.[1]

Meta staqsewh jekk kienx hemm riskju, is-Sur Massa qalilhom li l-Awstralja "*guvni*" jigifieri li l-investiment sod ghax l-ekonomija taghha kien ghadha fil-bidu. Qalilhom ukoll li kien studja dawn l-investimenti ghal sitt xhur u peress li hu kien jahdem mal-*Middlesea,* li kellha isem tajjeb, huma emmnuh u fdaw flushom f'idejh.

Ma kienux jafu kif imorru l-affarijiet dwar dokumenti u ma nghatawx id-dokumenti li kienu iffirmaw. Baghtulhom kopja tad-dokumenti wara intervent

[1] *A fol.* 11

tal-*MFSA.* Meta rcevewhom indunaw li dan kien imlihom Massa wahdu minn wara daharhom. Kien jghidilhom biex jiffirmaw fejn jindikalhom minghajr ma jghidlhom ghal xiex kienu qed jiffirmaw. Kien jaf li ghalkemm kellhom livell ta' edukazzjoni mhux hazin, ma kinux jifhmu fl-investimenti u hu rikeb fuq dan biex jaghmel li jrid.

Qed jitolbu li jinghataw lura l-€20,000 li investew.

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz fejn essenzjalment jghid:**

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jidher illi jittratta allegata weghda ta' kapital garantit u, ghaldaqstant, qieghed jigi inferit illi l-ilmentatur qieghed isostni li hemm vizzju tal-kunsens tieghu meta ghazel li jinvesti fil-prodott *de quo* abbazi ta' din il-premessa;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, hlief ghat-talba ta' rifuzjoni tal-flus investiti, ma huwiex car x'inhu l-ilment imressaq kontra l-eccepjenti - hemm hjiel ta' allegazzjoni ta' '*mis-selling*', hemm hjiel ta' allegazzjoni ta' ingann (u necessajament allura vizzju ta' kunsens) u ghalhekk l-ilmentaturi iridu jiccaraw il-bazi tal-ilment u konsegwentement it-talba taghhom. L-eccepjenti, ghalhekk, qieghda tirriserva minn issa li tintavola eccezzjonijiet ulterjuri, skont il-kaz;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m' ghandhom ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd*. hija biss intermedjarju], u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment seta' garrab;

5. Illi l-ilmentaturi jridu jipprovaw kwalunkwe telf allegat minnhom;

6. Illi, fil-mertu, mill-Formula tal-Ilment ma tirrizulta ebda raguni valida fil-Ligi ghalfejn l-eccepjenti ghandha tigi kkundannata thallas kwalunkwe somma lill-ilmentaturi, u sabiex it-talba tal-ilmentaturi tigi akkolta irid jigi

ppruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li kwalunkwe allegat telf ikun sar minhabba tort attribwibbli lill-eccepjenti;

7. Illi l-eccepjenti tichad li hija jew ir-rapprezentant taghha, Patrick Massa, ingannaw lill-ilmentaturi, jew b'xi mod iehor hadu l-kunsens taghhom b'mod qarrieqi, jew b'mod iehor naqsu mill-obbligi professjonali u/jew fiducjarji taghhom;
8. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

**Ra l-*affidavits* ipprezentati**

**Sema' x-xhieda**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

***Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni***

Il-provditur tas-servizz jghid li l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-Artikoli 1222(1), 2153 tal-Kodici Civili.

L-eccezzjoni numru tnejn tirreferi ghall-Artikolu 1222(1) *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi dwar preskrizzjoni ta' azzjoni ta' *"rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ecc."*

L-ilmentaturi mhux qed jitolbu r-rexxissjoni tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet izda qeghdin jghidu li l-bejgh tal-prodott ma kienx idoneju ghalihom u ma nbieghx tajjeb lilhom u l-provditur tas-servizz kiser l-obbligi ta' fiducja u dawk kuntrattwali fil-konfront taghhom.

Ghalhekk din l-eccezzjoni ma gietx ippruvata u qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna sostnew:[2]

*"Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal- 1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn."*

Barra minn hekk, kif intqal fil-kawza ***Avv Dr Pio M Valletta pro et noe vs Jeno Torocsik et*** **deciza fis-7 t'Ottubru 2016:**

*"Il-fatt li f'kawza attur jitlob il-likwidazzjoni ta' danni ma jfissirx awtomatikament li allura japplika l-Art 2153 tal-Kodici Civili: 'il-preskrizzjoni ta' sentejn li tolqot l-azzjoni ghal danni li ma jkunux kagunati b'reat' hija applikabbli biss fil-kaz ta' danni indipendenti minn obbligazzjoni kuntrattwali." (Stivala vs Colombo, PA, 9/1/1953. VOl XXXVII.ii.622)*

Kif anke gie ritenut ricentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kaz simili kontra provditur ta' servizz finanzjarju,[3] ir-relazzjoni hija ta' natura kuntrattwali.

Anke f'kazi fejn hemm obbligazzjoni kuntrattwali jistghu jintalbu hlas ta' danni, u fil-kaz *de quo*, essenzjalment, qed jinghad li peress li meta inghata l-parir u sar il-kuntratt tal-bejgh tal-prodott, il-provditur tas-servizz naqas mill-obbligi kuntrattwali tieghu meta sehh bejgh hazin ta' prodott, l-ilmentaturi qed jitolbu li f'kaz bhal dan jinghatalhom kumpens ghat-telf li sofrew fil-kapital taghhom minhabba l-agir tal-provditur kif jigri f'kazi ta' *misselling* ta' prodott finanzjarju.

In-natura tal-azzjoni lanqas ma tiddependi fuq il-kliem preciz li jintuza u dan gie anke rikonoxxut mill-Qorti.

Kif gie stabbilit mill-Qrati taghna biex tigi determinata liema preskrizzjoni ghandha tapplika, wiehed irid ihares lejn xiex hija immirata l-azzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Frank German vs Domenico Azzopardi*, deciz mill-Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Jannar 1950,** jinghad li: *"l-indoli tal-azzjoni tigi desunta*

---

[2] *Go p.l.c. vs Charles Dimech*, PA 28/07/2011
[3] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017

*mhux tant mill-kliem più o meno ezatti tal-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghalih huwa intiz il-gudizzju."*

Minn dan isegwi li ghall-finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-provdituri tas-servizz huwa necessarju li ssir indagini dwar il-vera natura tal-azzjoni li qieghda tigi ezercitata mill-ilmentaturi.

Hekk ukoll, fis-sentenza[4] fl-ismijiet ***Peter Montebello vs Peter Montebello et,*** il-Qorti qalet proprju hekk:

*"Din hija ghazla li l-ligi taghti lil kull parti attrici, u hija fuq din l-ghazla li jiddependi l-ezitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti taghzel li tressaq il-pretensjonijiet taghha kontra parti ohra fuq kawzali partikolari, l-eccezzjoni li titqanqal mill-parti mharrka kontra l-azzjoni maghmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawza u mhux fuq x'tahseb il-parti mharrka li setghet kienet il-kawzali vera."*

Fil-kaz odjern, l-ilmentaturi u l-provdituri tas-servizz kellhom relazzjoni kuntrattwali bejniethom kemm meta inghata parir u kemm meta nbieghu lill-ilmentaturi il-prodotti li qed isir ilment dwarhom. Dan kif anke jirrizulta mid-dokumenti relatati mal-investimenti *de quo.*

Ghalhekk ma tistax tirnexxi eccezzjoni tal-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa* akkwiljana skont l-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 u, ghalhekk, din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

Dwar it-tielet eccezzjoni fejn il-provditur tas-servizz jghid li l-ilment mhux car, l-Arbitru ma jaqbilx ma' dan ghax l-ilment huwa spjegat sew fejn l-ilmentaturi qed jilmentaw li sar bejgh hazin ta' prodott maghhom u ma nghatawx pariri xierqa mill-provditur tas-servizz. Mhux minnu lanqas li l-provditur tas-servizz ma setax jaghmel difiza xierqa ghax ghamel risposta dettaljata u kellu l-opportunità li jressaq il-provi kollha kif ghamel.

Ghalhekk din l-eccezzjoni hija bla ebda bazi u qed tigi michuda.

Dwar ir-raba' eccezzjoni il-provditur jghid li hu mhux responsabbli u ma kellux kontroll u ma iggestiex l-investiment *de quo*. L-ilmentaturi mhux qed jghidu dan izda li nghataw servizz ta' parir u investiment mill-provditur tas-servizz li kien

---

[4] PA, 25 ta' Settembru 2003

kumpanija licenzjata mill-*MFSA* u kellha anke obbligi regolatorji li tagixxi fl-ahjar interessi tal-konsumatur.

Apparti dan, id-dokumenti esebiti juru bic-car ir-relazzjoni kuntrattwali li kienet tezisti bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz li fil-konfront taghhom u fl-ghoti ta' dan is-servizz kienet il-principal. Imkien ma jirrizulta li l-provditur tas-servizz informa f'xi stadju lill-ilmentaturi li huwa kien qed jagixxi f'isem haddiehor u d-dokumenti bhall-*Purchase Contract Note*[5] u l-*Interest Advice*[6] huma kollha intestati f'isem *All Invest Co. Ltd.*

Ghalhekk din l-eccezzjoni qieghda wkoll tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-kaz b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[7]**

Bazikament l-ilmentaturi qed jilmentaw li nghataw parir hazin u inbiegh lilhom b'mod hazin ukoll il-prodott *LMMPF*.

Il-provditur tas-servizz jichad dan.

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund (LMMPF)***

Skont il-*Purchase Contract Note*,[8] l-ilmentaturi investew is-somma ta' €20,000 f'*LMMPF*, prodott mibjugh lilhom mill-provditur tas-servizz.

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *updates* dwar l-andament tal-investiment u meta nbiegh lill-ilmentaturi kien digà kellu l-problemi.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment li principalment thaddan fiha kapital minn eghjun internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment*

[5] *A fol.* 144
[6] *A fol.* 145
[7] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[8] *A fol.* 49

*Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[9]

Fi Frar 2014,[10] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fl-2001, li kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat.

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008,[11] il-fond huwa deskritt bhal wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu kontinwu, stabbli u jipprovdi investiment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum and Application*, li kien dokument li jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond.[12]

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala proprjetàrju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[13] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go

---

[9] Perezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM*, cioè *LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*

[10] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

[11] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf (accessat 22 ta' Marzu 2017) Is-*summary flyer* normalment jinghata lill-klijent u jintuza wkoll biex jigi reklamat il-prodott.

[12] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzjonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jinxxiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

[13] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land".*

proprjetà immobbli u flus kontanti, fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[14]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

**"*Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information memorandum. Investors who do not reside in Australia do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor*."**

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja, kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja, setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale*" jew "*sophisticated"*. Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal *"wholesale"* u "*sophisticated investors"* f'kaz ta' "*Australian resident investors"* biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* car maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg.11) jintqal kif gej:

---

**[14] Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

***"To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager."***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LM*** lill-ilmentatrici, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke l-*withdrawal timeframes*.

1) F'dan l-*Update* hemm paragrafu taht it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li, minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.

2) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh "*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*"

   Ikompli hekk il-paragrafu: "*The need to implement this measure to protect the fund arose for the first time last year, as per the Information Memorandum. Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible.*"

3) Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet), kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[15]

4) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew klassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond. Jintqal li l-*Manager* se jkun hu li wahdu issa se jizviluppa l-proprjetà li kienet intiza li tigi zviluppata b'dan is-self u li mill-profitti ggenerati minn dan l-izvilupp huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

L-assi tal-*fund* kienu mqassmin hekk: f'Lulju 2010 - 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

[15] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

L-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund*.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettal tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna**.

**Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.**

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax prijorità fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz li kkonferma li ma kienx konxju ta' dawn l-aspetti negattivi ta' dan il-prodott.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz kellu jidhol f'dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifi-kazzjoni ta' eligibilità oneruza huwa wkoll minnu nnifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari, meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u l-*brochures* imsemmija hawn fuq, ma kienux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn; parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela, jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghall-investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess, jew livell simili, ta' protezzjoni applikat fir-rigward ta' investituri Awstraljani.

**Jekk kellux jinbiegh lill-Ilmentaturi dan il-Prodott**

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

L-imentatrici tghid li kienu ircevew telefonata mill-*Middlesea* sabiex jaraw jekk ridux jinvestu xi flus. Eventwalment, zarhom Patrick Massa li kien qieghed jirrapprezenta lill-*Middlesea* u bieghilhom *Single Premium* tal-*Middlesea.* Qalilhom biex jekk ikunu jridu jinvestu jikkuntattjawh. Wara li gemmghu xi flus, l-ilmentaturi ikkuntattjaw lil Patrick Massa li din id-darba kien qed jirrapprezenta lil *All Invest Co. Ltd.*

Huma qalulu li kienu ingidmu bi prodott jismu *TEP Fund* u ma ridux jergghu jingidmu. Issuggerilhom l-*ARM* li kien falla u li, però, hadu flushom lura. Waqt li ma kien thabbar xejn hazin dwar l-*ARM*, ir-rapprezentant tal-provditur bieghilhom l-*LMMPF* li dwaru qed isir l-ilment.

Huma kienu qalulu li ma ridux jissugraw flushom peress li kienu waslu ghall-età tal-pensjoni; li kieku qalilhom li setghu jitilfu l-kapital ma kinux jinvestu. Hu qalilhom li dan il-prodott kien ilhom 6 xhur jistudjawh. Hija ziedet hekk:

"*Nghid li ahna meta gie biex ninvestu fl-LM, ma kienx qalilna li tal-ARM kienu sejrin hazin. Fil-fatt, il-flus li hrigna ghal-LM kienu flus milli faddalna.*

*Ahna konna dhalna f'tal-LM ghax qalilna li kienu ghal 3 snin biss u li flusna niehduhom lura wara 3 snin. Dakinhar li konna qed ninvestu qalilna li qed*

*jinvestielna f'tal-LM ghax fl-ARM kien qieghed iberraq. Ma kienx qalilna qabel, imma kien qalilna dakinhar. Dan kien f'Jannar 2011, meta nvestejna tal-LM.*

*Jiena, peress li semma tal-ARM, li qed iberraq fl-ARM, jien ghidtlu, 'Dawn sodi?' 'U zgur!' qalilna, 'L-Awstralja l-ekonomija qisha guvni!' Li ahna hadnih li l-ekonomija hija soda. Nghid li ma taniex brochure ta' dan il-prodott. L-imghax kien ta' xi 8% u ma spjegalniex li la l-imghax hu gholi jista' jkun riskjuz. Kont staqsejtu kienx riskjuz u qalli le, anzi kien rega' qalli din il-frazi tal-ekonomija tal-Awstralja.*

*Nghid li dak iz-zmien jien ma kontx nifhem f'dawn l-affarijiet, lanqas xejn. Nghid li xejn ma tana letteratura fuq l-LM. Kien jghidilna, wara li konna naghtuh ic-cekk, 'Iffirma hawn, hawn u hawn.' Ma kienx jispjegalna ahna x'inkunu qed niffirmaw.*

*Imbaghad wara, meta qabbadna zewg avukati minhabba l-LM u l-ARM dawn l-avukati staqsewna ghandniex certi karti, ahna ghidnilhom le; kitbu lill-All Invest u dawn tawhom karti, iffirmati minna, b'hafna crieki, bhal per ezempju, ir-riskju: high risk; u kien jittikjahom hu dawn ic-crieki. U sirna nafu b'dawn il-karti wara li nqalghu dawn il-problemi, permezz li ntbaghtu d-dokumenti lil dawn l-avukati.*

*B'hekk irreallizzajna li avolja kien jaf li ahna nies onesti, il-flus Alla biss jaf kif gemmajnihom, konna qed nahsbu biex meta nirtiraw nghixu naqra ahjar, u hu ma kien jimpurtah xejn minn dan.*

*Gie, mbaghad, fit-2013 biex jghidilna li hemm l-inkwiet tal-Awstralja, u darba gabilna karta biex niffirmawha u kien hemm: 'to exonorate the company'; u ma nafx xi tfisser, pero` jidhirli li huma ma jkunux responsabbli ghal flusna u l-avukati qalulna biex ma niffirmawhiex.*

*Kien gabilna karta b'dikjarazzjoni li mhumiex responsabbi u ahna din ma ffirmajnihiex fuq parir tal-avukat."*[16]

Din ix-xhieda giet bazikament ikkonfermata minn zewgha li xehed ukoll waqt is-smigh tal-kaz.[17]

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

---

[16] *A fol.* 98-99
[17] *A fol.* 99-10l

Ghall-provditur tas-servizz xehed Patrick Massa li kien hu li biegh dan il-prodott lill-ilmentaturi.

Huwa xehed illi huwa beda jahdem mal-*All Invest* minn meta giet imwaqqfa u kien jaghti *"financial advice"* fuq investimenti li kien ikollha l-kumpanija.

Jikkonferma dak li qalu l-ilmentaturi li kien iltaqa' maghhom l-ewwel darba meta bieghilhom *Single Premium* tal-*Middlesea.*

Jghid li hu kien tahom l-informazzjoni kollha, spjegalhom il-vantaggi u l-izvantaggi u l-perikoli assocjati mal-prodotti li kien joffri. Jikkonferma li kien qalilhom li l-Awstralja ghandhom ekonomija soda. Jghid ukoll li hu ghamel intervista dettaljata sabiex jara l-qaghda finanzjarja taghhom. L-ilmentaturi kienu fi zmien li kienu qed jirtiraw mix-xoghol u kienu interessati li jaghmlu dhul regolari.

Jghid ukoll li ddiskuta l-objettivi taghhom u x'esperjenza passata kellhom. Jghid li ffirmawlu "*Experienced Investor Declaration Form*".

Qabel l-*LMMPF* huma kellhom zewg investimenti fl-*ARM*. Dwar l-*LMMPF* qalilhom li ghalkemm ma kellux il-kapital garantit kellu *track record* tajjeb u kien inbiegh f'hafna pajjizi.

Jghid li anke fl-i*statements* li kienu jircievu kien hemm li l-kapital ma kienx garantit u l-passat mhux garanzija tal-futur.

Jghid li qalilhom li dan il-prodott kien jinvesti fi proprjetà fl-Awstralja. Huma kienu qed ibieghu il-prodott bhala *"low risk, stable return vehicle for people planning retirement".*

Kienu iccekkjaw il-*history* tal-prodott u kienu fehmu li l-kumpanija kienet hallset regolarment id-dhul lill-investituri taghha. Barra minn hekk, kien fond li kellu hafna proprjetà bhala assi.

Skont il-*Flyer,* l-investiment fl-*LMMPF* kien tajjeb ghal investituri personali li kellhom esperjenza fi prodotti kumplessi ohrajn u, f'dan il-kaz, l-ilmentaturi kellhom investimenti fl-*ARM.*[18]

---

[18] *A fol.* 102-103

L-Arbitru ghandu zewg verzjonijiet quddiemu u, ghalhekk, irid jara liema verzjoni hija l-aktar wahda kredibbli u verosimili ghal dak li verament gara. L-Arbitru hu tal-fehma li l-verzjoni tal-ilmentaturi hija aktar kredibbli ghal dawn ir-ragunijiet:

Jekk tinghata harsa lejn il-kontroezami tal-partijiet, l-ilmentaturi kienu konsistenti mal-verzjoni originali taghhom filwaqt li fil-kontroezami tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kien hafna drabi evaziv. Matul il-kontro-ezami, Patrick Massa, ghal hafna mistoqsijiet li sarulu wiegeb jew li ma jiftakarx, jew ma jidhirlux, jew li ma jafx jew li la jista' jikkonferma u lanqas jichad.

Imma fil-kunsiderazzjonijiet tieghu, l-Arbitru jrid jara wkoll jekk dak li qal ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz kienx minnu jew le. Perezempju, jghid li dan l-investiment kellu hafna assi fi proprjetà. Kif intqal waqt l-analizi ta' dan il-prodott, hafna mill-flus investiti kien marru f'self lil Peter Drake u mhux gew investiti fil-proprjetà.

Barra minn hekk, l-Arbitru jemmen lill-ilmentaturi meta jghidu li la darba kien qalilhom li l-investiment kien fil-proprjetà, huma fehmu li kif il-proprjetà hija soda f'Malta hekk ukoll fl-Awstralja.

Huwa wkoll ikkonfermat mill-istess provditur tas-servizz li dan il-prodott inbiegh a bazi ta' *advisory service*.[19]

Ghalhekk kellu jsir dak li skont ir-Regoli vigenti[20] kien jissejjah *suitability assessment:*

*"2.16 The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

[19] *A fol.* 312
[20] *Investment Services Rules- Standard Licence Conditions* mahruga mill-*MFSA* taht Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta u d-Direttiva *MiFID* (*SLC*)

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio."*

L-ilmentaturi kienu *retail clients* u kellhom jinghataw kull protezzjoni .

Jidher li dan is-*suitability test* ma sarx ghaliex ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz xehed in-kontroezami li x'aktarx ma kienx ghamel *Fact Find* ghal dan il-prodott. Fil-*File Note* hemm ittikkjati l-kaxxi kemm tas-*suitability test* kif ukoll tal-*appropriateness test* li m'humiex qeghdin ghall-istess skop. Jidher li l-ezercizzju li sar kien ittikkjar ta' kaxxi u mhux ghaliex sar *suitability assessment* kif kellu jsir biex jigi stabbilit jekk il-prodott kienx *suitable* ghalihom.

Ghalhekk l-Arbitru huwa moralment konvint li dan is-*suitability test* ma sarx biex jissodisfa r-Regola 2.16 kif imsemmija 'l fuq.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz ma kienx f'pozizzjoni jara jekk dan il-prodott kienx idoneju ghall-objettivi tal-klijent kif kellu l-obbligu li jaghmel.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz ma gabx xi prova li turi li l-ilmentaturi kienu jifilhu ghat-telf li setghu isofru kif jirrikjedi t-tieni rekwizit tas-*suitability test.* Ir-rapprezentant tal-provditur stess xehed li kien konxju li l-ghan tal-ilmentaturi kien li jkollhom dhul regolari ghaliex kienu waslu qrib l-età tal-pensjoni u f'dik l-età hadd ma jkun irid jissogra flusu.

Minkejja li l-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi kellhom l-esperjenza u t-taghrif biex ikunu jistghu jiddeciedu u jevalwaw ir-riskji marbuta mal-prodott, ma jgib l-ebda prova konkreta dwar dan. L-unika raguni li gab kienet li kellhom zewg investimenti fil-prodott *ARM* li kien inbiegh fuq parir ta' *All Invest* stess.

Dawn iz-zewg tranzazzjonijiet wahedhom ma jikkwalifikawx lill-ilmentaturi bhala *experienced investors* u d-dikjarazzjoni li ha l-provditur tas-servizz li kienu *experienced investors* ma tiswiex bhala difiza tieghu ghaliex jidher car li din ittiehdet biex tkun tista' tezonera lill-provditur tas-servizz u mhux ghaliex verament kienu "*experienced*". I

It-tehid ta' firma fuq formola waheda ma jibdilx stat ta' fatt u, cioè, li l-ilmentaturi kienu *retail clients* bi ftit li xejn esperjenza fl-investimenti finanzjarji li jixbhu l-prodott li minnu qed isir l-ilment.

Irid jinghad ukoll li dan il-prodott kien inbiegh fl-Awstralja lil "*sophisticated, accredited"* u "*professional investors*" u l-istess kriterju kellu juza l-provditur tas-servizz meta jbiegh dan il-prodott. L-ilmentaturi la kienu *sophisticated* u lanqas *professional investors*. Ghalhekk, dan il-prodott ma kellux jinbiegh lilhom.

Jirrizulta mill-kontroezami tal-provditur tas-servizz li ghalkemm ittiehdet firma fuq diversi dikjarazzjonijiet, dawn ma kinux veritieri bhal, perezempju, li kienu inghataw l-*Annual Report* tal-kumpanija; li l-ilmentaturi ma ridux id-dokumenti; li inghataw il-*Prospectus.* Il-provditur jiskolpa ruhu billi jghid li dawn id-dikjarazzjonijiet ittiehdu ghaliex kienu fuq *standard form.*

Dan ikompli jitfa' dubju fuq il-veracità tal-verzjoni tal-provditur tas-servizz.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz m'ghamilx *due diligence* serja tal-prodott ghaliex kieku kellu jirrizultalu li kemm fl-2009 u anke fl-2010,[21] kienu hargu *updates* tal-prodott li kienu juru li l-kumpanija kellha problema ta' likwidità u, ghalhekk, f'din is-sitwazzjoni l-provditur tas-servizz ma kellux ibiegh dan il-prodott.

Dan il-prodott ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur meta nbiegh il-prodott.[22]

**Ghal dawn ir-ragunijiet, l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u, ghalhekk, qed jilqghu.**

**L-ilmentaturi investew is-somma ta' ghoxrin elf ewro (€20,000)[23] li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta' €1,595,[24] li inghataw bhala imghax.**

**Ghalhekk l-ilmentaturi jibqalhom jiehdu l-ammont ta' €18,405.**

[21] Ara l-analizi tal-prodott aktar 'il fuq f'din id-decizjoni
[22] Kap. 555, Art 19 (3)(c)
[23] *A fol.* 144
[24] *A fol.* 145

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 23(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' tmintax-il elf, erba' mija u hames ewro.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**